MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
ANTHONY ELLUL**

Seduta tat-13 ta' Frar, 2003

Talba Numru. 2784/2002

**Elmo Insurance Agency Limited bhala Rapprezentanti tas-socjeta estera Royal & Sun Alliance Insurance plc, surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Juliet Fay Panton u l-istess Juliet Fay Panton**

**Vs**

**Roderick Borg**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu l-hlas tas-somma ta' tlett mija u tlieta u hamsin lira Maltija u disgha u tmenin centezmu (Lm353.89) [Lm328.89 lis-socjeta Elmo Insurance Agency Limited noe u Lm25 lil Juliet Fay Panton] minnhom sborsati bhala konsegwenza ta' l-incident tat-traffiku li sehh gewwa San Pawl il-Bahar fit-2 ta' Mejju 2002.

Ra li l-konvenut ghalkemm gie debitament notifikat naqas milli jidher ghas-seduti u jipprezenta risposta fit-terminu preskritt mil-ligi.

Ra d-dokumenti ezebiti.

Ikkunsidra:

1. Dan il-kaz jitratta incident tat-traffiku li sehh fi Triq San Gorg, San Pawl il-Bahar.

2. Mill-provi rrizulta bl-iktar mod cjar li l-incident sehh meta l-konvenut ostakola t-triq ta' l-attrici li kienet qeghda ssuq il-vettura bin-numru AAU 119.

3. Dwar il-*quantum* tad-danni reklamati dawn gew sodisfacentement ippruvati.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddecidi l-kawza billi jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' tlett mija u tlieta u hamsin lira Maltija u disgha u tmenin centezmu (Lm353.89) [Lm328.89 lis-socjeta Elmo Insurance Agency Limited noe u Lm25 lil Juliet Fay Panton], hlas ta' danni kkagunati f'incident tat-traffiku li sehh fit-2 ta' Mejju 2002 gewwa Triq San Gorg, San Pawl il-Bahar.

L-imghax kif mitlub u l-ispejjez huma ghak-karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------